**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 261/97

Il-Pulizija

(Spettur Raymond Zammit)

Vs.

Alfred Bugeja
Stacey Chircop

Seduta tal-Hamis 19 ta' Gunju, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Gudikatura Kriminali :
Talli fil-21 ta' Novembru, 1992 ghall-habta tal-11.15 p.m. fil-Marsa bil-hsieb li jikkomettu serq ta' diversi oggetti ghal valur ta' aktar minn elf lira Maltin (LM1000) mill-fond J. Buttigieg Jewellery, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwitt minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin u bil-valur.
Bhala persuni li kienu gew ikkundannati f'Malta ghal serq, instabu fil-pussess taghhom oggetti li ma humiex tal-kundizzjoni taghhom, minghajr ma taw kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimmament ghandhom u instabu ghandhom mfietah mqabblin jew iffalsifikati, ghodod ohra tajbin ghal ftuh, jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinstabu ghandhom f'dak il-hin.

U kontra Alfred Bugeja wahdu talli :
Fis-27 ta' Mejju 1992 ghall-habta tad-9.00 p.m., bhala persuna ikkundannata, harab mill-kustodja tal-pulizija, persuna inkarigata mill-kustodja tieghu, meta kien fl-isptar San Luqa;
Fil-11 ta' Novembru, 1992 ghall-habta tal-11.00 a.m. f'Bormla, saq vettura bin-numru X 0466 tal-marka Escort, b'manjerja perikoluza negligenti u b'giri ecessiv;
Saq l-istess vettura minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta dwar terzi persuni;
Fil-21 ta' Novembru, 1992 ghall-habta tal-11.15 p.m. fil-Marsa, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija f'periklu car, spara b'arma tan-nar fid-direzzjoni ta' l-istess membri;
Spara arma tan-nar f'post abitat jew fil-vicinanzi ta' post abitat jew fit-triq pubblika;
Zamm u garr arma tan-nar u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
Fil-hin ta' l-arrest tieghu ghal eghmil ta' delitt, kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar;
Fil-lejl ta' 21 ta' Novembru, 1992, f'Santa Venera, ikkometta serq ta' vettura bin-numru N 4428 tal-marka Mini Minor, ghad-dannu ta' Doris Grech, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, mezz, xorta

tal-haga misruqa, u valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin;
Talli Alfred Bugeja sar recediv wara li gie ikkundannat ghal reat b'sentenza li saret definittiva;

U kontra Stacy Chircop wahdu :
Talli fil-11 ta' Novembru, 1992, fl-ghassa tal-Pulizija tal-Belt ghamel rapport lill-Pulizija Esekuttiva dwar serq ta' vettura bin-numru X 0466 tal-marka Escort, liema serq kien jaf li ma sarx;
Talli fil-21 ta' Novembru, 1992 instab li kellu fil-pussess tieghu pistola tal-marka lorcin Mira Loma CA-USA model L.25-.25 Cal. Auto, Serial Number 108235, kif ukoll seba' (7) bullets .22, liema valur tal-bullets huwa ta' 84c0 waqt li l-valur tal-pistola huwa ta' LM60.000, valur totali LM60.840 – Dazju LM48.670 liema dazju ma gie mhallas u/jew kawtelat, bi ksur ta' l-Artikoli 60 (a) (b) (c) u 62 (a) (b) (c) (g) (h) (i) (k), kif ukoll tal-Proviso Schedule Section 62A ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37;
Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn is-17 u l-21 ta' Novembru, 1992, ghen fil-harba ta' Alfred Bugeja persuna arrestata jew ikkundannata ghal delitt suggett ghal piena ta' prigunerija ta' aktar minn hames snin, jew kien komplici fiha;
Ikkometta reat sugett ghal piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati fit-30 t'Ottubru, 1991;

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Settembru, 1997 li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi li fil-konfront ta' Alfred Bugeja biss huma:

a) L-Artikoli 41 (1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265,266,267,270,277(b), 279 tal-Kodici Kriminali ;
b) L-Artikolu 287 tal-kodici Kriminali;
c) L-Artikoli 151, 152, tal-Kodici Kriminali;
d) L-Artikoli 15(1)(a)(2)(3), tal-Kap. 65;
e) L-Artikolu 3(1)(2) tal-Kap. 104;
f) L-Artikoli 41(1)(a), 218 tal-kodici Kriminali;
g) L-Artikolu 24(2), tal-Kap. 33;
h) L-Artikoli 2,3,19 tal-Kap. 66;
i) L-Artikolu 26(b) tal-Kap. 66;
j) L-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 279 tal-Kodici Kriminali;
k) L-Artikoli 49,50 tal-Kodici Kriminali;
l) L-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

U li fil-Konfront ta' Stacey Chircop biss huma:

a) L-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 277(b), 279 tal-Kodici Kriminali;
b) L-Artikolu 287, tal-Kodici Kriminali;
c) L-Artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali;
d) L-Artikoli 60(a)(b)(c), 62(a)(b)(c)(g)(h)(i)(k), 62A tal-Kap. 37;
e) L-Artikoli 42,43,151,152 tal-Kodici Kriminali;
f) L-Artikoli 28A, 28B, tal-Kodici Kriminali;
g) L-Artikolu 533, tal-Kodici Kriminali.

Iddikjarat li, fil-waqt li fil-konfront tal-imputat Alfred Bugeja ma rrizultawx l-imputazzjonijiet indikati bl-ittri (e) u (j) fl-imputazzjonijiet a fol 1 u 2, ma sabitux hati taghhom u lliberatu

minnhom, u fil-konfront taz-zewg imputati Alfred Bugeja u Stacey Chircop irrizultaw ipprovati skond il-ligi l-imputazzjonijiet kollha l-ohra dedotti kontra taghhom a termini tal-artikoli indikati mill-Avukat Generali fl-imsemmija nota tieghu tad-9 t'Awissu, 1996 u ghalhekk sabithom hatja tal-istess u wara li dwar il-piena, il-Qorti rat il-fedina penali taz-zewg imputati, xejn felici, b'dik tal-imputat Alfred Bugeja wahda aktar gravi minn tal-imputat Stacey Chircop, u wara li rat ukoll ir-rapport esebit mil-Probation Officer Jack Grech, nominat minn din il-Qorti, ghal dak li jirrigwarda l-imputat Stacey Chircop, u hadet konjizzjoni tal-osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet kollha li saru kemm mill-istess Probation Officer Jack Grech u mill-Educational Psychologist Dr. Carmel Cefai, u wara li qieset il-fatt li dawn iz-zewg imputati ghandhom warajhom sensiela ta' serq imwettqa minnhom, iddikjarat li ghalhekk f'dan il-kaz, ma kellha l-ebda triq ohra hlief li tinfliggi piena karcerarja fuq iz-zewg imputati, iddecidiet, ghalhekk li tikkundanna lil dawn iz-zewg imputati kull wiehed komplessivament fuq l-imputazzjonijiet misjuba hatja (a) lill-imputat Alfred Bugeja ghal seba' (7) snin prigunerija, u (b) lill-imputat Stacey Chircop ghal erba (4) snin prigunerija, b'dan li kull zmien li l-imputati kienu that arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz ghandu jitnaqqas mill-piena karcerarja inflitta.

Dik il-Qorti kienet iddediciet ukoll li dwar l-imputat Stacey Chircop, b'referenza ghal akkuza kontra tieghu li kiser ordni lilu moghtija ta' sentenza ta' habs ghal tmintax (18) il-xahar sospizi ghal tlett (3) snin, minhabba l-ammissjoni volontarja tieghu ghal imputazzjonijiet kontra tieghu, u wara li l-Qorti qieset sewwa dak li gie sottomess u rakkomandat mil-Probation Officer Jack Grech, filwaqt li hasset li ma setghatx takkorda lil dan l-imputat Probation Order taht l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta taht supervizjoni ta' Probation Officer, minflok ma inghata piena karcerarja f'dan il-kaz, kif issuggerixxa l-imsemmi Probation Officer Jack Grech, u dan peress li dan l-imputat kien gja' gie kundannat l-imsemmija piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar sospizi ghal tlett (3) snin moghtija lilu b'sentenza ta' dik il-Qorti fit-30 t'Ottubru, 1991, rat izda li, f'dan il-kaz u minhabba l-assessment li sar ta' dan l-imputat kif irrizulta mir-rapport (Dok JG), hi kellha, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 B (2) (b) tal-Kodici Kriminali, minflok li tirrevoka l-imsemmija ordni sabiex l-imsemmija sentenza sospiza tibda ssehh, fil-fatt bidlet dik l-ordni originali maghmulha bis-sahha tal-artikolu 28 A (1) tal-Kodici Kriminali, u dana billi minflok il-perjodu operattiv hemm specifikat ta' tlett (3) snin, dan il-perjodu operattiv gie estiz sa, u jiskadi, fi zmien erba (4) snin mid-data tas-sentenza appellata.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, dik il-Qorti kkundannat liz-zewg imputati solidalment bejnithom sabiex fi zmien xahar minn meta jigu mitlubin mir-Registratur tal-Qorti jhallsu l-ispejjes peritali kollha konnessi ma dan il-kaz u ordnat ukoll il-konfiska tad-dokumenti CF1 sa CF4 u d-dokumenti 92 CIU 01 sa 08, u minn 92 CIU 010 sa 014.

Rat ir-rikors ta' l-appellant Stacey Chircop minnu pprezentat fis-17 ta' Settembru 1997, fejn bih talab lil din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, tirriformha fejn din tirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellant.

Rat ir-rikors ta' l-appellant Alfred Bugeja minnu pprezentat fit-18 ta' Settembru 1997, fejn bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha interament dwar il-meritu, u tirriformha dwar il-piena billi taghti dik il-piena li hija indikata adegwata ghall-kaz, riflessa fl-istess sentenza fil-konfront tal-imputat l-iehor.

Rat in-noti ta' astensjoni tal-Onor. Imhallef Patrick Vella tat-30 t' April, 1998 u tal-Onor. Imhallef Vincent DeGaetano tal-24 ta' Gunju, 1998 .

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-30 ta' Mejju, 2000 li biha esebixxa fedina penali tal-appellant Stacey Chircop (Dok. STL 1)

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-17 ta' Novembru, 2000 li bih giet nominata il-Probation Officer Victoria Grech biex , wara li tikkonsulta ruha mall-Probation Officer Jack Grech, taggorna lill-Qorti dwar l-appellant Stacey Chircop u d-digriet iehor sussegwenti tal-31 ta' Dicembru, 2001 li bih il-Qorti ukoll diversament preseduta issosstitwiet lill-imsemmija Probation Officer bil-Probation Officer Marietta Lanzon.

Rat ir-rapport tal-imsemmija Probation Officer pprezentat fit-28 ta' Frar, 2002 quddiem din il-Qorti , pero' dana sar minn Marietta Lanzon biss ghan-nom tal-probation officer Victoria Grech li tinsab imsiefra u ser tirritorna Malta xi sena u nofs ohra.

Semghet ix-xiehda tal-istess Marietta Lanzon fis-seduta tal-4 t'April, 2002 ;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-8 t'April, 2002 , li biha esebixxa l-fedini penali aggornati taz-zewg appellant (Dok. X1 u X2) u li biha indika il-parametri tal-piena li , kwantu ghall-appellant Alfred Bugeja ,kienu jestendu minn-minimu ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar sa massimu ta' tnax (12) il-sena prigunerija , u kwantu ghall-appellant Stacey Chircop , kienu jestendu minn sbatax (17) il-xahar sa tmin (8) snin prigunerija.

Ikkonsidrat ,

Illi iz-zewg rikorsi tal-appell intavolati miz-zewg appellanti separatament gew trattati u prosegwiti f'process wiehed ghax l-appelli saru mill-istess sentenza u ghalhekk wara li ezaminat l-atti processwali kollha precedenti , din il-Qorti ser tghaddi biex tiddisponi miz-zewg appelli separatament u fl-ordni tal-okkju tal-kawza , i.e. l-ewwel tal-appellant Bugeja u t-tieni tal-appellant Chircop.

Illi pero' qabel ma taghmel dan , din il-Qorti , tirrijafferma dak li gie ritenut f' hafna sentenzi ta' din il-Qorti li normalment il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-piena , dment li din tkun entro il-parametri li tistabilixxi il-ligi u sakemm ma tkunx manifestament wahda sproporzjonata . Ghalhekk irid ikun hemm altru milli ragunijiet sufficjenti u serji biex il-piena inflitta mill-ewwel Qorti tigi varjata, ridotta jew b'xi mod mibdula.

*********

Il-Qorti issa ser tibda biex tiddisponi mil-appell dwar il-piena maghmul mill-appellant Alfred Bugeja.

Illi kif sew indika l-Avukat Generali , il-piena massima applikabbli ghall-kaz ta' dan l-appellant kienet ta' tnax il-sena prigunerija u ghalhekk il-piena ta' seba' snin inflitta fuqu mill-ewwel Qorti bla dubju ta' xejn hija entro il-paramentri tal-ligi . Jibqa' ghalhekk biex jigi konsidrat jekk din il-piena konsidrata il-fedina penali precedenti tal-appellant u cirkostanzi ohra rilevanti hix wahda sproporzjonata. Mill-fedina penali aggornata esebita mill-Avukat Generali jidher li l-appellant ilu jxellef difrejh mal-ligi ghal dawn l-ahhar disgha u ghoxrin (29) sena b'kundanni ghal diversi reati ta' serq ripetut , danni volontarji , glied , sewqan hazin u bla licenzja u swat sahansitra gol-habs civili u , sakemm ikkommetta r-reat mertu ta' dan l-appell kien gja gie sentenzjat ghall-diversi periodi sostanzjali ta' prigunerija fuq diversi reati u minn Qrati differenti . Mhux biss, imma sahansitra wara il-kommissjoni tar- reati mertu ta' dan l-appell , l-appellant Bugeja baqa' ghaddej bil-hajja nefarja tieghu u sakemm gie kundannat mill-Qorti tal-Magistrati fuq dawn ir-reati fil-5 ta' Settembru, 1997 , gie ukoll misjub hati u kundannat ghall-pussess ta' droga eroina fil-habs u ingurji fil-konfront ta' gwardjan tal-habs . Anki umbaghad mis-sentenza appellata lill hawn l-appellant Bugeja rega gie kundannat ghall-piena ta' habs fuq diversi reati ta' pussess ta'droga eroina, serq , harba mill-habs ,ricettazzjoni u sewqan bla licenzja u insurance . Illi l-

ewwel Qorti  kienet gja hadet in konsiderazzjoni il-kondotta tal-appellant sad-data tas-sentenza appellata u hasset li il-piena ta' seba snin habs kienet wahda xierqa  tenut kont tal-kondotta refrattarja tal-appellant . Din il-Qorti  hadet ukoll konjizzjoni tal-persistenza tal-appellant fil-ksur tal-ligi  anki fil-mori pjuttost twal ta' dan l-appell  quddiem dil-Qorti , izda diversament preseduta  . Fic-cirkostanzi  il-Qorti ma tithallilix ghazla ohra hlief li tikkonferma is-sentenza appellata  minghajr bzonn ta' hafna elaborazzjoni u motivazzjoni ulterjuri . Kull paragun mall-piena inflitta fuq l-appellant Chircop  irid umbaghad jiehu  bil-fors in konsiderazzjoni il-kwantita' ferm akbar ta'  kundanni ghall-reati serji li ghandu dan l-appellant  fil-konfront tal-appellant l-iehor li  hu ferm izghar fl-eta'  u s' issa  gie kundannat ghall-numru inqas - ghalkemm mhux zghir  - ta' reati serji . F'kull kaz din il-Qorti ripetutament irrittjeniet li paraguni bhal dawn ma  jreggux  ghax fl-applikazzjoni tal-piena , wiehed ma jridx jara biss  il-figura tar-reat kommess mill-ko-akkuzati imma anki u ukoll  fatturi  ohrajn bhal ma huma l-eta' , il-kondotta tal-akkuzati l-ohra u s-sehem li kull wiehed ikollu fil-kommissjoni tar-reat u hekk jidher li ghamlet l-ewwel Qorti meta iddifferenzjat fil-piena inflitta bejn iz-zewg appellanti .

Ghal dawn il-motivi , l-appell tal-appellant Alfred  Bugeja qed jigi michud u is-sentenza appellata qed tigi konfermata  fl-intier taghha fir-rigward ta' dak li jolqot lill-istess appellant .

*********

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tiddisponi mill-appell tal-appellant Stacey Chircop .

Illi  hawn , anki  kif jidher min-nota tal-Avukat Generali  il-piena massima li setghet infliggiet l-ewwel Qorti  kienet ta' tmin (8) snin prigunerija . Ghalhekk ma hemmx dubju li  l-piena inflitta taqa' entro il-paramentri tal-ligi . Mill-fedina penali aggornata tal-appellant Chircop  jidher ukoll li dan ilu jikser difrejh mal-ligi sa mill-1990  u qabel ma gie akkuzat  bir-reati mertu ta' dan l-appell,  kien gja instab hati minn diversi Qrati  ta' diversi serqiet u hsarat volontarji   u sahansitra kundannat ghall-sentenza sospiza  ta' habs ghal tmintax il-xahar .  Wara li gie akkuzat  bil-kaz in meritu  u, s'intendi ,kien barra bil-liberta' provizorja fuq dan il-kaz , issubixxa diversi kundanni ohra  fuq serq , tentattiv ta' serq , danni volontarji u reati ohra, bl-aktar kundanna recenti  fit-23 ta' Novembru, 2001 .  L-ewwel Qorti naturalment setghet biss tqis il-kondotta ta' dan l-appellant sad-data tas-sentenza appellata  u xorta wahda kienet tal-fehma li ghandha tinghata sentenza ta' prigunerija , minkejja ir-rakkomandazzjoni tal-Probationer Officer Jack Grech li  jkun hemm "intensive probation order" .  Jekk dik kienet is-sitwazzjoni  fiz-zmien meta inghatat is-sentenza appellata , din il-Qorti ftit tista' tifhem u tapprezza ir-rakkomandazzjoni  tal-probation officer Victoria Grech li kienet taf b'kundanni sussegwenti ghas-sentenza appellata u ghalhekk ir-rakkomandazzjonijiet taghha  ma jidhirx li huma bazati fuq ir-realtajiet tal-hajja imma biss fuq speranzi li xi darba l-appellant jithajjar jirriforma ruhu .

Ghalhekk, anki fil-kaz ta' dan l-appellant din il-Qorti thoss li ma hemmx xejn li jwassal biex din il-Qorti tiddisturba id-diskrezzjoni  tal-ewwel Qorti dwar il-piena .

Ghal dawn il-motivi , l-appell tal-appellant Stacey Chircop  , qed jigi michud u is-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda ukoll lil dan l-appellant qed tigi konfermata fl-intierezza taghha.

(ft) J. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
19.06.2002